MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 465/2004

**Hal Mann Limited**

**Vs**

**Prova Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm318.91c (tlett mija u tmintax-il lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) rapprezentanti l-valur ta' provvista u tqeghid ta' sills ta' l-irham, liema materjal gie provdut u xoghlijiet li gew esegwiti mis-socjeta' attrici a favur is-socjeta' konvenuta fil-fond Insomnia, St George's Road, Paceville, San Giljan, fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluzi zewg ittri ufficjali datati 22 ta' Marzu 2002 u 5 ta' Settembru 2003 rispettivament, is-socjeta' konvenuta

baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 22 ta' Marzu 2002 u 5 ta' Settembru 2003 rispettivament, u bl-imghax legali dekorribli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------